# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A. (HONS) LL.D. – PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 8**

**Citaz. Nru. 1467/93 GC**

**Il-Perit u Arkitett Civili Joseph Barbara u Ivan Burridge fil-kwalita' taghhom ta' diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Santumas Shareholdings Limited**

**vs**

**Abdallah Abouaishi El-Ferghani ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Libyan Arab Foreign Investment Company**

**Il-Qorti;**

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Ottubru 1998 ippronunzjat is-segwenti sentenza fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi li biha l-atturi nomine irrivendikaw il-proprjeta' b'titolu ta' enfitewsi perpetwa ta' art

f'Marsascala u dana mill-poter tas-socjeta' konvenuta li rrezistiet din it-talba.

"Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi nomine ppremettew:-

Illi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar John Micallef Trigona tal-21 ta' Ottubru 1965, l-Ordni tal-Patrijiet Frangiskani Minuri Konventwali tal-Belt Valletta kkoncedew lil Marsascala Development Limited b'titolu ta' enfitewsi perpetwu l-art tal-kejl ta' cirka 51.080 qasab kwadri ekwivalenti ghal 224,297.388 metri kwadri fil-kontrada ta' San Tumas, Marsascala, formanti parti tal-promontorju bejn Marsascala Bay u Saint Thomas Bay konfinanti l-imsemmi art mill-grigal, tramontana, lvant, nofsinhar u mix-xlokk mal-bahar deskritta ahjar fil-pjanta annessa mal-istess kuntratt u dan versu c-cens u kondizzjonijiet stipulati fl-istess kuntratt (Dok. A);

Illi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Francis Micallef tat-2 ta' Lulju, 1976, Marsascala Development Limited bieghu lin-National Investment Company, kumpanija organizzata u kostitwita taht il-ligi tal-Libya, l-utile domino perpetwu ta' porzjoni tal-fuq imsemmija art, formanti parti ta' l-artijiet maghrufa bhala "il-promontorju" sive "il-Gzira" sive "Il-Mitquba" f'San Tumas limiti ta' Marsascala tal-kejl ta' cirka 28 tomna ekwivalenti ghal 31.462.3932 metri kwadri konfinata mit-tramuntana, nofsinhar u lvant ma' proprjeta' tal-vendituri nomine kif dettaljata u deskritta ahjar fl-istess att u kif delinejata bl-ahmar fil-pjanta annessa mal-istess att (Dok. B);

Illi fl-imsemmi kuntratt gie stipulat ukoll illi "finally vendor and purchaser agree that in spite of the area of the land transferred by this deed was stated to measure approximately 28 tumoli, the area transferred is that contained in the area bounded in red on the attached plan with the exception of the land shown hatched in blue on the same plan and relative access. Buyers shall have the right of use and passage for all purposes of the road lying to the west.";

Illi permezz ta' trasut maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Angelo Vella tad-19 ta' Dicembru 1983, gie dikjarat li permezz ta' ligi tal-Jamahrija Socjalista tal-Popli Gharbi tal-Libya tal-4 ta' Frar, 1981, "all rights, assets, and obligations formerly enjoyed or possessed by or imposed in the National Investment Company of Libya (N.I.C.) have been vested in and imposed in the Libyan Arab

Foreign Investment Company (L.A.F.I.C.O) which thus has become in the preambles (inkluz il-fuq imsemmija art akkwistata b'att tan-Nutar Dottor Frans Micallef tat-2 ta' Lulju, 1976) and in respect of all works and improvements carried out therein or thereon as well as in respect of all rights, interests and obligations in connection therewith" (Doc C u d-dokumenti annessi mal-istess att);

Illi, ghalhekk, bis-sahha ta' din il-ligi tal-Jamahrija Socjalista tal-Poplu Gharbi tal-Libya l-imsemmija art, li fuqha inbniet il-Jerma Palace Hotel, iddevolviet fuq il-kumpanija konvenuta;

Illi Marsascala Development Limited, li kienet kumpanija sussidjarja tad-ditta attrici, giet fuza b'effett mill-15 ta' Dicembru 1989, fid-ditta attrici, u ghalhekk, id-ditta attrici dahlet fid-drittijiet u fir-responsabiltajiet kollha tal-kumpanija Marsascala Development Limited;

Illi b'transunt fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Rosario Bonello tas-6 ta' Settembru 1989, dan il-fatt ta' amalgamazzjoni gie rekordjat (Dok D.) u b'certifikat mahrug mid-Director of Partnerships fis-17 ta' Settembru, 1993, dan l-istess fatt gie accertat (Dok. E);

Illi l-konvenut nomine u/jew l-awturi tieghu, fil-kostruzzjoni u l-bini li ghamel tal-Jerma Palace Hotel, abbuzivament u illegalment dahal u okkupa minghajr ebda titolu validu skond il-ligi tlett porzjonijiet ta' att ahjar deskritta fil-pjanta hawn annessa bhala Dok. F u cioe', (i) l-art murija bl-isfar markata bl-ittra A tal-kejl ta' cirka 7.40 metri kwadri; (ii) l-art murija bl-orangjo markata bl-ittra B tal-kejl ta' cirka 1,250 metri kwadri, u (iii) l-art murija bl-ahdar u markata bl-ittra C tal-kejl ta' cirka 3667 metri kwadri;

Illi b'Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta iffirmata fl-4 ta' Dicembru 1980 (Dok. G), kif ukoll b'Dikjarazzjoni ohra mahruga mill-President ta' Malta fid-29 ta' Marzu 1982 (Dok H) gie dikjarat li l-art murija bl-ahdar fuq il-pjanta annessa bhala Dok. F. hija mehtiega mill-awtoritajiet kompetenti ghal skopijiet pubblici u li l-akkwist taghha ghandu jsir b'xiri assolut, u l-imsemmija porzjoni ta' art giet, ghalhekk espropriata mill-Gvern ta' Malta u l-proceduri ghall-hlas tal-kumpens ghadhom pendenti;

Illi z-zewg prozjonijiet l-ohra (markati bl-isfar u bl-orangjo fuq il-pjanta Dok. F) kemm il-proprjeta' kif ukoll il-pussess ghadhom f'idejn l-atturi li qed ihallsu lill-Patrijiet Frangiskani Minuri Konventwali ghall-istess bicctejn art is-somma ta' Lm173.68,7 fis-sena rappresentanti parti minn cens akbar u l-atturi

ghandhom intrress li jergghu jiehdu l-godiment assoluta tal-istess bicctejn art;

Ghalhekk l-atturi nomine talbu li l-konvenut nomine jghid ghaliex:-

(1) m'ghandux jigi ddikjarat li l-imsemmija zewg bicciet art murija bl-isfar u bl-orangjo fuq l-annessa pjanta Dok F. kienu u ghadhom proprjeta' tal-atturi nomine;

(2) m'ghandux, ghalhekk, il-konvenut nomine jigi kkundannat sabiex fi zmien qasir u perentorju li tiffissalu din il-Qorti jizgombra mill-istess bicctejn art, jnehhi kull kostruzzjoni li ghamel fuq l-istess u jirritornahom liberi u battala lill-atturi nomine – occorrendo taht id-direzzjoni ta' periti nominandi; u

(3) m'ghandhmx l-atturi nomine, in difett li l-konvenut jaghmel ix-xoghol ta' demolizzjoni u rilaxx li tordnalu l-Qorti fi zmien lilu impost, ikunu minn issa stess awtorizzati jiehdu pussess huma tal-imsemmija zewg bicciet art u jaghmlu x-xoghol ta' demolizzjoni huma a spejjez tal-konvenut nomine u dejjem taht id-direzzjoni tal-istess perit nominand;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Protest Gjudizzjarju tat-28 ta' Gunju, 1989, kontra l-konvenut nomine li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn gie eccepit illi preliminarjament l-proceduri istitwiti huma irriti u nulli stante illi s-socjeta' attrici ma ghandha ebda "locus standi" f'din il-kawza peress li hija qeghda tippretendi li tidderiva t-titolu taghha ghall-art in kwistjoni bhala effett ta' fuzjoni mas-socjeta' "Marsascala Development Limited" li suppost saret fil-15 ta' Dicembru 1989 – liema fuzjoni hija nulla u bla ebda effett legali peress illi s-socjeta' Marsascala Development Limited kienet giet imnehhija mir-Registru tas-Socjetajiet Kummercjali b'effett mit-12 ta' Jannar, 1982 (Dok. A u kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza; illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, anke kieku ghall-grazzja ta' l-argument kellu jigi ammess illi l-fuzjoni kienet valida, din ma setghet qatt kellha l-effett illi tghaddi l-proprjeta' in kwistjoni lis-socjeta' attrici peress illi ma sar l-ebda att pubbliku ta' trasferiment liema att huwa mehtieg ghall-validita' ta' kwalsiasi trasferiment ta' proprjeta' immobiljari; illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet ghal dak illi jirrigwardja l-art murija bil-kulur isfar fuq il-pjanta annessa bhala

"Dok F" mac-citazzjoni, din l-art qatt ma setghet giet akkwistata mis-socjeta' attrici jew mill-awturi taghha peress illi l-"foreshore" huwa "extra commercium"; illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel tlett eccezzjonijiet, it-talbiet attrici huma insostenibbli peress illi l-art inkwistjoni hija ta' proprjeta' ta' l-eccipjenti u illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel erba' eccezzjonijiet, anke kieku kellu jigi ritenut illi l-eccipjenti bnew fuq xi parti tal-proprjeta' tal-atturi, dan ghamluh in "buona fede" u ghalhekk saru proprjetarji bid-dritt ta' l-accessjoni ghat-tenur ta' l-art. 571 tal-Kodici Civili salvi id-dritt tas-socjeta' attrici ghall-hlas ta' kumpens;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Ra l-atti tal-kawza fl-ismijiet "Ivan Burridge et nomine vs Alfred Pisani et nomine" deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Novembru 1988 u l-atti tar-ritrattazzjonijiet tal-istess kawza decizi fil-15 ta' Dicembru 1992, fit-13 ta' Ottubru 1992 u fl-15 ta' Gunju 1993;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut nomine tas-17 ta' April 1997;

Rat in-nota tas-socjeta' attrici in risposta ghall-imsemmija nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta' konvenuta;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet dwar l-ewwel eccezzjoni;

Rat ir-rikors tal-atturi nomine tas-16 ta' April 1998;

Rat ir-risposta tal-konvenut nomine ghal-imsemmi rikors tal-atturi nomine tas-16 ta' April 1998;

Rat il-kontro-risposta tal-atturi nomine;

Rat ir-replika tal-konvenut nomine;

Rat il-kontro-replika tas-socjeta' attrici;

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Gunju 1998;

Ikkonsidrat:-

**Rikors tas-socjeta' attrici tas-16 ta' April 1998**

Wara li din il-kawza kienet gia differita ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta, is-socjeta’ attrici ppresentat rikors fis-16 ta’ April 1998 fejn talbet li tigi sospiza l-prolazzjoni tas-sentenza u li jigi ordnat lis-socjeta’ konvenuta li jekk trid tibqa’ ssostni din l-ewwel eccezzjoni taghha hija ghandha taghmel, f’terminu li jigi prefiss, azzjoni apposita kontra kull min hu interessat. F‘dan ir-rikors is-socjeta’ attrici ssostni illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut nomine tirrigwarda l-operat tar-Registratur tas-Socjetajiet Kummercjali u ghalhekk din id-decizjoni m’ghandiex tittiehed f’dawn il-proceduri izda fi proceduri ohra “ad hoc” li fihom l-istess Registratur ghandu jkun ukoll parti;

Kif gia gie rilevat din it-talba tas-socjeta’ attrici saret meta gia l-kawza kienet differita ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta. Talba bhal din missa saret fil-bidu ta’ dawn il-proceduri u mhux wara li l-provi dwar l-istess l-ewwel eccezzjoni kienu inghalqu u wara li l-partijiet ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom kemm bil-miktub kif ukoll oralment. Din l-ewwel eccezzjoni tittratta dwar il-locus standi tas-socjeta’ attrici f’din l-azzjoni. Is-socjeta’ attrici tippretendi li t-titolu taghha ghall-bicctejn art in kwestjoni huwa lilha derivanti minn fuzjoni li sehhet bejnha u bejn socjeta’ kummercjali ohra. Is-socjeta’ konvenuta tippretendi li din il-fuzjoni hi nulla stante li s-socjeta’ l-ohra kienet gia giet kancellata minn fuq l-elenku tas-socjetajiet zmien qabel l-istess fuzjoni. Hua minnu li f’dan kollu hemm involut l-operat tar-Registratur tas-Socjetajiet. Il-kwestjoni essenzjalment involut f’din l-eccezzjoni, pero, hi jekk is-socjeta’ attrici ghandiex locus standi f’din l-azzjoni. Ghalhekk l-operat tar-Registratur huwa biss incidentali ghal finijiet ta’ din l-eccezzjoni. Konsegwentement it-talbiet tas-socjeta’ attrici kif kontenuti fl-imsemmi rikors tas-16 ta’ Mejju 1998 ghandhom jigu rigettati;

**Talbiet attrici**

Fost affarijiet ohra s-socjeta’ attrici qed titlob li jigi dikjarat li zewg bicciet art f’Marsascala huma proprieta’ taghha;

F’dan ir-rigward is-socjeta’ attrici tippretendi li hi proprjetarja ta’ dawn il-bicctejn art in virtu ta’ fuzjoni li sehhet fil-1989, meta s-socjeta’ Marsascala Development Limited giet fusa fis-socjeta’ attrici. Difatti s-socjeta’ attrici tippremetti li s-socjeta’ Marsascala Development Limited kienet akkwistat b’kuntratt fl-atti tan-nutar John Micallef Trigona tal-21 ta’ Ottubru 1965, b’titolu ta’ enfitewsi perpetwa, territorju shih f’Marsascala li kien jinkludi dawn il-bicctejn art. Din is-socjeta’ Marsascala Development Limited kienet socjeta’ sussidjarja tas-socjeta’ attrici, tant li b’effett mill-15 ta’ Dicembru 1989 l-istess socjeta’ Marsascala Development

Limited giet fuza fis-socjeta' attrici. Konsegwentement is-socjeta' attrici assumiet id-drittijiet u l-obbligi kollha tas-socjeta' Marsascala Development Limited Development Limited u ghalhekk is-socjeta' attrici ghandha tigi ritenuta proprjetarja tal-bicctejn art in kwistjoni;

**L-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta**

Bil-presenti qed tigi deciza l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta;

Fl-ewwel lok is-socjeta' konvenuta qed teccepixxi illi din l-azzjoni hi nulla stante li s-socjeta' attrici m'ghandiex "locus standi". Kif gia gie rilevat is-socjeta' attrici tippretendi li t-titlu taghha ghall-bicctejn art in kwistjoni hu derivanti mill-fuzjoni taghha ma' l-imsemmija socjeta' "Marsascala Development Limited". F'dan ir-rigward skond is-socjeta' konvenuta din il-fuzjoni hi nulla u bla ebda effett fil-ligi stante illi l-imsemmija socjeta' Marsascala Development Limited kienet giet imnehhija mir-Registru tas-Socjetajiet Kummercjali b'effett mit-12 ta' Jannar, 1982 u cioe ferm qabel ma sehhet l-allegata fuzjoni;

Ghalhekk li ghandu jigi deciz hu jekk setghetx is-socjeta' Marsascala Development Limited f'Dicembru 1989 tigi fuza fis-socjeta' attrici, stante li zmien qabel u cioe f'Jannar 1982 l-istess socjeta' kienet giet kancellata mir-Registru tas-Socjetajiet. Fi kliem iehor ghandu jigi deciz jekk l-imsemmija socjeta' Marsascala Development Limited setghetx tigi ravvivata wara li kienet giet imnehhija mir-Registru f'Jannar 1982;

**Fatti risultanti**

Mill-provi jirrizultaw is-segwenti fatti:-

(a) F'Jannar 1982 is-socjeta' Marsascala Development Limited giet kancellata mir-Registru tas-Socjetajiet wara illi din l-istess socjeta' kienet giet fuza jew amalgamata fis-socjeta' attrici;

(b) Din il-fuzjoni giet dikjarata nulla u bla effett b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Kummercjali) tat-30 ta' Novembru 1988 fl-ismijiet "Ivan Burridge et noe vs Alfred Pisani nomine";

(c) Bhala konsegwenza ta' din is-sentenza r-Registratur tas-Socjetajiet avza illi l-imsemmi kancellament tas-socjeta' Marsascala Development Limited kien qed jigi revokat;

(d) Sussegwentement gie avzat illi s-socjeta' Marsascala Development Limited giet fuza fis-socjeta' attrici b'sehh mill-15 ta' Dicembru 1989 u illi bhala konsegwenza ta' din il-fuzjoni s-socjeta' Marsascala Development Limited kienet qed tigi kancellata mir-Registru;

**Konsiderazzjonijiet**

Jirrizulta ghalhekk illi s-socjeta' Marsascala Development Limited kienet giet imnehhija mir-Registru f'Jannar 1982. Huwa minnu li dan il-kancellament sar specifikatament peress li din is-socjeta' kienet giet fusa fis-socjeta' attrici. Huwa minnu ukoll li din il-fuzjoni giet dikjarata nulla u bla effett mill-Qorti kompetenti. Li hu importanti u essenjzali, pero, hu li din is-socjeta' kienet lahqet giet kancellata minn fuq ir-Registru tas-Socjetajiet u dan ifisser li giet estinta, f'termini forsi improprji dan ifisser li din is-socjeta' "mietet". Il-fatt essenzjali hi l-"mewt" filwaqt li l-kawza tista' tkun irrilevanti;

Wara li din is-socjeta' giet kancellata ma baqghetx tesisti u ghalhekk bl-ebda mod ma setghet tigi ravvivata. Bl-ebda mod ukoll ma setghet tigi fuza mill-gdid mas-socjeta' attrici u ma setghet tigi mill-gdid kancellata;

Skond il-ligi r-Registratur tas-Socjetajiet jista jemenda registrazzjoni ta' fuzjoni biss fuq ordni specifika tal-Qorti kompetenti u dana biss sabiex jigu salvagwardati d-dritijiet tal-kredituri. Hawnhekk dan ma kienx il-kaz u ghalhekk ir-Registratur ma kellu ebda poter moghti lilu mil-ligi li jerga' jirravviva s-socjeta' in kwestjoni. Skond il-ligi socjeta' kummercjali hi estinta malli tigi kancellata mir-Registru;

Jirrizulta li meta saret ir-revoka tal-avviz tal-ewwel kancellament gie specifikat li tali revoka kienet qed issir wara l-imsemmija sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Novembru 1988. Dan pero' jista' jaghti lok ghal zball u misinterpretazzjoni. F'dan ir-rigward ghandu jigi rilevat li fl-eba hin il-Qorti fl-imsemmija sentenza ma tat ordni biex l-imsemmi avviz tal-kancellament jigi revokat. Il-Qorti ghall-kuntrarju, fl-imsemmija sentenza, qalet car u tond illi d-dikjarazzjoni taghha li l-ewwel fuzjoni jew amalgamazzjoni kienet nulla ma kenitx tfisser li s-socjeta' Marsascala Development Limited kienet ghadha tezisti. Ghalhekk ma jistax jinghad li la darba l-amalgamazzjoni giet dikjarata nulla konsegwentemnet il-kancellament huwa ukoll null;

In vista tal-premess is-socjeta' Marsascala Development Limited f'Dicembru 1989 ma setghetx tigi fuza fis-socjeta' attrici, u dana

> stante li zmien qabel u cioe f'Jannar 1982 l-istess socjeta' kienet giet kancellata mir-Registru tas-Socjetajiet. Is-socjeta' Marsascala Development Limited giet estinta mal-imsemmi kancellament li sehh f'Jannar 1982 u ma setghetx tigi ravvivata. L-imsemmija allegata fuzjoni ta' Dicembru 1989 hi ghalhekk nulla u bla ebda effett fil-ligi;
>
> Fid-dawl ta' dan kollu l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta ghandha tigi akkolta u s-socjeta' konvenuta ghanda tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;
>
> Ghal dawn il-motivi kollha:-
>
> Tipprovdi dwar ir-rikors tas-socjeta' attrici tas-16 ta' April 1998 billi tichad it-talbiet kollha kif kontenuti fl-istess rikors;
>
> Tiddeciedi dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta billi tilqa' l-istess eccezzjoni u tiddikajra li din l-azzjoni hi nulla stante li s-socjeta' attrici m'ghandiex "locus standi" u tillibera s-socjeta' konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju;
>
> Spejjez kollha kontra s-socjeta' attrici."

Din il-Qorti rriproduciet is-sentenza kollha ghaliex dan kien mehtieg biex tinkwadra sewwa l-vertenza bejn il-kontendenti li kellha tirrizolvi ruhha qabel xejn fuq kweziti ta' interpretazzjoni ta' dritt b'mod partikolari dwar x'kienet il-portata tal-kancellament da parti tar-Registratur tas-Socjetajiet tas-socjeta' Marsascala Development Limited li kif inghad kienet kumpanija sussidjarja tad-ditta attrici u din b'effett mill-15 ta' Dicembru 1989 giet fuza fl-istess ditta attrici li ssubentrat skond l-appellanti nomine fid-drittijiet u responsabiltajiet kollha ta' dik is-socjeta'.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

L-atturi nomine appellaw minn din is-sentenza. Huma talbu li din il-Qorti thassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza appellata u b'hekk tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta illi l-azzjoni kienet nulla stante li s-socjeta' attrici ma kellhiex locus standi fil-gudizzju u allura tordna l-prosegwiment tal-kawza. Alternattivament, huma talbu lil din il-Qorti li tilqa' it-talba taghhom fir-rikors tas-16 ta' April, 1998 u konsegwentement tipprefiggi terminu lis-socjeta' konvenuta biex tressaq l-azzjoni biex tikkontesta l-operat tar-Registratur tas-Socjetajiet Kummercjali li rregistra l-kumpanija attrici wara li kien ha l-parir ta' l-Avukat Generali.

L-azzjoni proposta mis-socjeta' attrici hi l-actio reivendicatoria li biha qeghda titlob id-dikjarazzjoni illi art attwalment fil-pussess tas-socjeta' konvenuta kienet tappartjeni lilha fi proprjeta'. L-azzjoni giet intavolata mis-socjeta' Santumas Shareholding Limited fit-28 ta' Ottubru, 1993. Kienet allura l-ligi kif kienet dak iz-zmien li kellha tirregola l-meritu taht ezami. Is-socjeta' konvenuta qed teccepixxi illi s-socjeta' attrici ma kellhiex locus standi "peress li hija qeghda tippretendi li tidderiva t-titolu taghha ghall-art in kwistjoni bhala effett ta' fuzjoni mas-socjeta' Marsascala Development Limited li suppost saret fil-<u>15 ta' Dicembru 1989</u> - liema fuzjoni hija nulla u bla effett legali peress illi s-socjeta' Marsascala Development Limited kienet giet imnehhija mir-Registru

tas-Socjetajiet Kummercjali b'effett mit-12 ta' Jannar, 1982". (sottolinejar ta' din il-Qorti)

Il-kwistjoni principali involuta f'din l-eccezzjoni hi allura jekk is-socjeta' Marsascala Development Limited wara li giet imnehhija minn fuq ir-registru tas-socjetajiet kenitx baqghet jew le tezisti. X'kien l-effett fuq dak il-kancellament ta' l-isem tas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Novembru 1988 fir-rigward tal-validita' legali ta' l-amalgamazzjoni bejn iz-zewg socjetajiet u jekk bhala konsegwenza ta' dik is-sentenza u l-operat sussegwenti tar-Registratur tas-Socjetajiet, setghax jinghad illi s-socjeta' Marsascala Development Limited kellha l-vires biex tikkontratta kif ikkontrattat mas-socjeta' attrici.

**Il-fatti rilevanti**

Is-segwenti huma l-fatti rilevanti grafikament elenkati kif jirrizultaw mid-dokumenti u li dwarhom ma jista' jkun hemm l-ebda kontestazzjoni.

1. Fit-30 ta' Settembru 1981 ir-Registratur tas-Socjetajiet ircieva dokumenti fis-sens li l-kumpanija Marsascala Development Limited kienet giet amalgamata fil-kumpanija attrici Santumas Shareholding Limited (vide fol 132 tal-process).

2. Ir-registrazzjoni ta' l-amalgamazzjoni saret fit-30 ta' Settembru 1981.

3. Wara l-pubblikazzjoni tad-debitu avviz fil-gazzetta tal-Gvern (a fol 120 tergo) ir-Registratur tas-Socjetajiet ha hsieb ihassar isem il-kumpanija Marsascala Development Limited fit-12 ta' Jannar, 1982.

4. Bis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' Novembru 1988 fl-atti tal-kawza fl-ismijiet "Ivan Burridge et nomine vs Alfred Pisani nomine", din l-amalgamazzjoni bejn iz-zewg socjetajiet giet dikjarata bhala li "qatt ma kienet saret billi ma kienux gew osservati r-rekwiziti tal-ligi". F'dik il-kawza is-socjeta' konvenuta kienet The National Investment Company li sussegwentement b'ligi d-drittijiet taghha kollha ghaddew favur il-Libyan Arab Foreign Investment Company li hi s-socjeta' konvenuta fil-kawza odjerna.

5. Permezz ta' avviz pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern (a fol 121) ir-Registratur tas-Socjetajiet iddikjara illi "pursuant to a judgement of the 30th November, 1988 of the Court of Appeal notice is hereby given that the notices appearing on page 348 of the Government Gazette of the 9th February, 1982, concerning the striking of Marsascala Development Limited and Santumas Contractors Limited from the register of commercial partnerships, are hereby revoked". Din id-dikjarazzjoni giet pubblikata fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern tal-14 ta' April, 1989.

6. Fl-24 ta' Lulju, 1989 il-kumpanija Marsascala Development Limited regghet giet amalgamata fil-kumpanija attrici kif jidher mid-

dokument a fol 122 fejn rapprezentant tar-Registratur tas-Socjetajiet iddeponiet illi r-registrazzjoni ta' din l-amalgamazzjoni saret fis-6 ta' Settembru, 1988.

7. Fil-15 ta' Dicembru, 1989 il-kumpanija Marsascala Development Limited giet kancellata mir-Registru tas-Socjetajiet.

Il-prezenti istanza, sabet l-origini taghha bl-effetti tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-30 ta' Novembru, 1988 fil-kawza fl-ismijiet "Ivan Burridge et nomine vs Alfred Pisani nomine et" li fiha s-socjeta' Santumas Shareholdings Limited li kienet assumiet l-atti tal-kawza minflok is-socjeta' Marsascala Development Limited in vista tal-fuzjoni ta' din l-ahhar socjeta' ma' l-istess socjeta' Santumas Shareholdings Limited kienet irrivendikat territorju ta' art mill-pussess tas-socjeta' The National Investment Company Limited li ghaliha f'din il-kawza ssubentrat is-socjeta' konvenuta. F'dik is-sentenza giet deciza eccezzjoni ulterjuri tas-socjeta' konvenuta li biha gie eccepit illi kif jidher mill-avviz pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tad-9 ta' Frar, 1982, is-socjeta' attrici Marsascala Development Limited kienet giet imhassra mir-Registratur tas-Socjetajiet u ma kenitx ghadha tezisti. Gie allura eccepit illi fil-kawza ma kienx hemm attur u konsegwentement ma kienx hemm interess legittimu u legali biex il-kawza titkompla.

Din il-Qorti diversament presjeduta, f'dik is-sentenza, iddecidiet illi l-amalgamazzjoni bejn is-socjetajiet Marsascala Development Limited u Santumas Shareholdings Limited kienet qatt ma saret billi ma kienux gew osservati r-rekwiziti tal-ligi. Konsegwentement l-imsemmija socjeta' Santumas Shareholdings Limited ma setghetx isostni l-azzjoni f'isimha "u kwindi kien hemm lok ghall-akkoljiment ta' l-imsemmija eccezzjoni ulterjuri u liberazzjoni ad observantia". Din id-decide, il-Qorti waslet ghaliha wara illi ezaminat il-process li bih giet kondotta l-fuzjoni bejn iz-zewg socjetajiet u sabet illi f'diversi punti ta' dan il-process id-dettami tal-ligi li kienu jesigu l-osservanza ta' proceduri precizi biex tavvera ruhha l-fuzjoni bejn zewg socjetajiet anonimi ma kienux gew osservati. Konsegwentement din il-Qorti rriteniet illi "l-amalgamazzjoni ma setghetx tigi registrata skond l-artikolu 163 (1) (ta' l-Ordinanza tal-1962 dwar is-socjetajiet kummercjali), ma setghetx issir il-pubblikazzjoni jew l-opposizzjoni tal-kredituri kkontemplata fl-artikolu 166 (ta' l-istess Ordinanza) u lanqas seta' jibda jghaddi l-imsemmi terminu ta' tliet xhur u ghaldaqstant lanqas seta' jinghad li l-amalgamazzjoni kienet saret effettiva". Dik il-kostatazzjoni din il-Qorti ghamlitha wara analizi ezawrjenti tal-provi kif jirrizultaw mid-dokumenti li ghalihom gew applikati d-disposizzjonijiet tal-ligi li kienu jimponu iter obbligat li kellu jigi osservat biex l-amalgamazzjoni tkun valida u ritwali. Mhux mehtieg f'din l-istanza illi l-Qorti tezamina mill-gdid dak l-aspett tal-vertenza, illum definit b'gudikat, u taghmel hawn riferenza ghall-

konsiderandi ta' din il-Qorti fis-sentenza tat-30 ta' Novembru, 1988 taht ezami.

Din il-Qorti tikkonstata biss illi bhala konsegwenza ta' l-analizi taghha, din il-Qorti waslet ghad-decizjoni illi "l-amalgamazzjoni qatt ma kienet saret billi ma kienux gew osservati r-rekwiziti tal-ligi. L-imsemmija socjeta' Santumas Shareholdings Limited ma tistax issostni l-azzjoni f'isimha u kwindi hemm lok ghall-akkoljiment ta' l-imsemmija eccezzjoni ulterjuri u liberazzjoni ab observantia". Din hi d-decide ta' dik is-sentenza illi tiddikjara illi s-socjeta' Santumas Shareholdings Limited ma kellhiex locus standi f'dik l-azzjoni ghaliex is-socjeta' Marsascala Development Company Limited ma kenitx amalgamata fiha. Kienet ghadha tezisti u allura ma setghetx tidher bhala li assumiet l-interess taghha fil-meritu tal-kawza. Din id-decide li hi konsegwenza logika u ineccepibbli ta' konsiderandi suffragati minn approfondiment korrett tad-disposizzjonijiet tal-ligi in materja, hi proceduta bis-segwenti paragrafu li jidher li qanqal id-dizgwid li wassal ghall-prezenti istanza. Konsiderazzjoni ta' certa ambigwita' sfortunata illi fil-fehma ta' din il-Qorti jidher li ma jsegwix il-hsieb limpidu tal-Qorti li inevitabbilment kellu jwassal kif wassal ghad-decizjoni korretta u li, avolja hu obiter u ma jifformax parti mid-decide, jehtieg kjarifikazzjoni. Il-Qorti f'dik is-sentenza hekk iddeliberat:-

> "Lanqas ma tara l-Qorti li jista' jinghad li jekk l-amalgamazzjoni kienet nulla u bla effett, allura l-kumpanija Marsascala Development Company Limited ghadha tezisti (sottolinejar ta' din il-Qorti). Rebus sic stantibus kif jidher mill-avviz pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tad-9 ta' Frar 1982, l-imsemmija kumpanija giet imnehhija minn fuq ir-Registru tas-Socjetajiet Kummercjali fit-12 ta' Jananr 1982 minhabba l-fuzjoni taghha ma' Santumas Shareholdings Limited u llum, in vista tan-nota ta' l-assunzjoni pprezentata ghan-nom ta' Santumas Shareholdings Limited, hija din l-ahhar socjeta' li hija attrici f'din il-kawza."

Din il-Qorti, kif issa preseduta, tifhem illi meta ddikjarat illi l-kumpanija Marsascala Development Company Limited ma kienetx allura ghadha tezisti anke jekk l-amalgamazzjoni kienet nulla u bla effett fil-ligi, kienet biss qeghda tikkonstata stat ta' fatt guridiku kif kien fil-mument tal-prezentata ta' dik l-azzjoni. Dan fis-sens illi una volta s-socjeta' Marsascala Development Company Limited kienet giet imnehhija minn fuq ir-Registru tas-Socjetajiet Kummercjali, sakemm ma tittiehidtx azzjoni biex is-socjeta' tigi reintegrata fil-jeddijiet taghha inkluz li terga' titqieghed – kif effettivament sussegwentement tqieghdet - mill-gdid fuq ir-Registru tas-Socjetajiet, hi kellha bilfors titqies sa dak il-mument li ma kenitx ghadha tezisti. Infatti, t-tieni parti tal-paragrafu appena citat jitratta espessament fuq il-jedd ta' rapprezentanza tas-socjeta' Santumas Shareholdings Limited li tidher minflok Marsascala Development Limited bhala attur fil-kawza in vista tal-fuzjoni kontestata. Fil-fehma ta' din il-Qorti allura, il-paragrafu appena citat mis-sentenza tat-30 ta' Novembru 1988, kellu jitqies biss bhala

definizzjoni da parti tal-Qorti ta' min seta' jigi konsidrat li kien attur f'dik il-kawza. Il-Qorti fehmet illi s-socjeta' Marsascala Development Company Limited ma setghetx tigi meqjusa bhala attur f'dik il-kawza b'mod li allura l-kawza setghet tipprocedi f'isimha ghar-raguni semplici illi sa dak il-mument dik is-socjeta' almenu formalment ma kenitx ghadha tezisti. Dan ghaliex ma hemmx dubbju illi d-dikjarazzjoni biss tal-Qorti kompetenti illi l-amalgamazzjoni kienet nulla u bla effett fil-ligi ma kenitx effettiva fil-konfront ta' terzi, jekk mhux qabel ma jkun hemm ir-revoka da parti tar-Registratur tas-Socjetajiet Kummercjali ta' l-avviz tal-kancellament tas-socjeta' minn fuq ir-registru relattiv. Dan kif effettivament gara bid-dikjarazzjoni tar-Registratur tas-Socjetajiet pubblikata fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern ta' l-14 ta' April, 1989.

L-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata pero' ikkonsidrat illi s-sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' Novembru, 1988 ma kienet tat l-ebda ordni biex l-imsemmi avviz ta' kancellament jigi revokat. Invece il-Qorti kienet ghall-kuntarju qalet car u tond illi d-dikjarazzjoni taghha li l-ewwel fuzjoni jew amalgamazzjoni kienet nulla, ma kenitx tfisser li s-socjeta' Marsascala Development Limited kienet ghadha tezisti. Minn dan siltet in konkluzjoni illi "ghalhekk ma jistax jinghad illi la darba l-amalgamazzjoni giet dikjarata nulla, konsegwentement il-kancellament huwa wkoll null". Din il-Qorti ma taqbilx ma' din l-interpretazzjoni tas-sentenza taghha tat-30 ta' Novembru, 1988. Bizzejjed jinghad illi f'dik il-kawza ir-Registratur tas-Socjetajiet ma kienx parti.

Konsegwentement din il-Qorti ma seghtetx ttih ordni biex l-avviz ta' kancellament jigi revokat. Mill-banda l-ohra kien obbligu tar-Registratur tas-Socjetajiet illi jottempera ruhu ma' l-artikolu 165 tal-Kap 168 li kien jipprovdi illi "meta socjeta' tieqaf milli tezisti, ihassar l-isem tas-socjeta' mir-registru u, meta c-cirkostanzi hekk jitolbu johrog certifikat ta' registrazzjoni mibdul biex jissodisfa c-cirkostanzi tal-kaz u meta bdil jew ghaqda li tkun giet registrata skond dan l-artikolu ssir mhux effettiva b'decizjoni tal-qorti skond l-artikolu 167, ir-Registratur ghandu jemenda r-registrazzjoni skond hekk". Dan ifisser li kien obbligu tar-Registratur illi una volta jigi notifikat b'sentenza ta' Qorti illi tiddefinixxi l-posizzjoni ta' socjeta' fir-rigward tal-bdil jew ghaqda taghha illi jemenda r-registrazzjoni li jkun ghamel konformement ma' dik id-decizjoni.

Hija skorretta l-implikazzjoni fis-sentenza appellata illi kienet ir-registrazzjoni maghmula mir-Registratur tas-Socjetajiet illi tiddetermina l-ezistenza u l-inezistenza ta' socjeta' kummercjali. L-azzjoni tar-Registratur infatti, kienet biss azzjoni amministrattiva rikjesta mill-ligi bi procedura intiza sabiex tipprotegi lil terzi sabiex taccertahom mill-fatt illi s-socjeta' kummercjali kienet regolarment tezisti u f'posizzjoni li tinnegozja bhala personalita' guridika awtonoma. Kien ghalhekk illi l-ligi tipprovdi li kumpanija tieqaf milli tezisti b'wahda mill-metodi li tikkontempla l-istess ligi fosthom il-metodu tal-fuzjoni ta' kumpanija f'kumpanija ohra kif hu l-kaz taht ezami fejn il-Marsascala Development Limited giet fuza fil-kumpanija Santumas Shareholding Limited. Il-ligi

tipprovdi wkoll li l-kumpanija tieqaf milli tezisti appena jghaddu t-tlett xhur mill-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni tar-Registratur fil-Gazzetta tal-Gvern tal-fuzjoni avvenuta. L-artikolu 165 jipprovdi li l-ghaqda ta' socjeta' "ikun sar effettiv permezz ta' l-iskadenza tal-perjodu imsemmi fl-artikolu 167" u cioe' ta' tlett xhur kif appena ndikat. L-istess artikolu jipprovdi illi "r-Registratur ghandu meta socjeta' tieqaf milli tezisti ihassar l-isem tas-socjeta mir-registru". Dicitura din li ma tistax tfisser hlief illi meta r-Registratur ihassar mir-registru s-socjeta', din tkun diga' minn qabel waqfet milli tezisti. Ma kenitx allura d-dikjarazzjoni tar-Registratur u l-pubblikazzjoni taghha illi "toqtol" is-socjeta'. Din il-Qorti ma tistax tikkondividi l-konsiderazzjoni fis-sentenza appellata illi "li hu importanti u essenzjali pero' hu li din is-socjeta' kienet lahqet giet ikkancellata minn fuq ir-Registru tas-Socjetajiet u dan ifisser li giet estinta. F'terminu veri u proprji dan ifisser li din is-socjeta "mietet". Il-fatt essenzjali hu l-"mewt" filwaqt li l-kawza tista' tkun irrilevanti".

Fil-fehma ta' din il-Qorti allura, t-thassir mir-registru huwa stadju wara li l-kumpanija tkun diga' waqfet milli tezisti f'dan il-kaz minhabba l-allegata fuzjoni iddikjarata rregolari minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-30 ta' Novembru 1988. Mhux allura korrett li jigi ritenut illi s-socjeta' kummercjali tigi estinta meta tigi kancellata mir-registru. Infatti din il-Qorti f'dik is-sentenza rriteniet illi:- "l-amalgamazzjoni ma setghetx tigi registrata skond l-art. 163 (1), ma setghetx issir il-pubblikazzjoni jew l-opposizzjoni tal-kredituri kkontemplata fl-artikolu 166 u lanqas seta'

jibda jghaddi l-imsemmi terminu ta' tlett xhur u <u>ghaldaqstant lanqas seta' jinghad li l-amalgamazzjoni kienet saret effettiva</u>." Dan necessarjament ifisser illi una volta l-amalgamazzjoni ma setghetx tkun effettiva, il-kumpanija ma setghetx tieqaf milli tezisti. Il-process kollu li wassal ghall-pubblikazzjoni tar-Registratur fil-Gazzetta tal-Gvern tat-thassir ta' l-isem tas-socjeta' Marsascala Development Limited fit-12 ta' Jananr 1982 gie allura minn din il-Qorti bis-sentenza taghha tat-30 ta' Novembru 1988 inficcjat. Hekk per ezempju l-artikolu 167 tal-Kap 168 jipprovdi illi "<u>l-ghaqda</u> ta' zewg socjetajiet jew izjed ma tibdiex issehh qabel tliet xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni msemmija … …". Jekk allura, skond din il-Qorti fis-sentenza tal-1988 ma setghetx issir il-pubblikazzjoni ritwalment mehtiega biex tibda ssehh l-ghaqda ta' zewg socjetajiet, kien manifest illi z-zmien kontemplat fl-artikolu 167 ma beda qatt jiddekorri u li allura l-ghaqda ossija amalgamazzjoni ma seta' jkollha l-ebda effett. Konkluzjoni din li necessarjament tfisser illi z-zewg socjetajiet involuti fil-process ta' ghaqda invalidat bis-sentenza ta' din il-Qorti ma tilfu qatt l-individwalita' proprja taghhom u kull socjeta' baqghet tgawdi l-personalita' guridika distinta taghha daqs li kieku l-process ta' l-ghaqda qatt ma kien gie inizjat. Dana ghaliex kien biss bl-ghaqda regolarment maghmula fit-termini tal-ligi illi s-socjeta' li tkun se tigi fuza f'ohra titlef il-personalita' guridika taghha.

Il-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana f'sentenza taghha tal-25 ta' Gunju, 1966 irriteniet illi:-

> "La fusione di due societa' fa perdere ad entrambe, o ad una di esse la propria individualita'. Con la conseguente confusione di rapporti caratteristica della sucessione, la concentrazione di aziende, pure attuando un risultato economio non dissimile, e' profondamente diversa sul piano giuridico consistendo nel mero apporto di beni dall'una all'altra societa', senza corrispettivo di azioni di corrispondente valore, ferma la distinzione di personalita' giuridica fra esse societa`".

Una volta din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-1988 iddikjarat illi l-fuzjoni bejn iz-zewg socjetajiet kienet nulla u bla effett fil-ligi, certament wiehed ma setax jasal ghall-konkluzjoni illi l-kumpanija Marsascala Development Limited ma kenitx baqghet tezisti bhala konsegwenza tal-kancellament ta' isimha mir-registru u kienet tilfet "la propria individualita". La l-fuzjoni kienet dikjarata bhala nulla b'gudikat ta' din il-Qorti, kien aktar proprju li jigi nvokat u applikat il massima "quod nullum est nullum producit effectum". Stabbilit li kien l-att tal-fuzjoni meta ritwalment u validament kondott illi iwassal biex socjeta' tigi assorbita f'ohra u mhux l-att tar-Registratur li jikkancella isimha mir-registru u konsidrat allura li ma kienx l-att tar-Registratur illi jimmaterjalizza l-estinzjoni guridika tas-socjeta', ma kenitx korretta l-Ewwel Qorti meta rriteniet illi:- "r-Registratur ma kellu ebda poter moghti lilu mil-ligi li jerga' jirriavviva s-socjeta' in kwistjoni". Fil-kaz taht

ezami, is-socjeta' giet dikjarata b'gudikat illi ma kienet qatt tilfet l-individwalita' taghha u konsegwentement kellha necessarjament titqies li kienet u baqghet tkompli tezisti u qatt ma waqfet milli tezisti.

Gustament u korrettement allura, ir-Registratur tas-Socjetajiet, kif dover tieghu espressament bil-ligi, jirregistra din ir-rejalta guridika kif dikjarata bis-sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' Novembru 1988 u gabha a konjizzjoni tat-terzi b'dikjarazzjoni tieghu pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-14 ta' April, 1989. Kuntrarjament ghal dak li rriteniet l-Ewwel Qorti, ir-Registratur tas-Socjetajiet la kellu l-poter moghti lilu mil-ligi li joqtol u lanqas li jiravviva s-socjeta' kummercjali. Kellu biss l-obbligu illi isegwi l-procedura imposta fil-Kap 168 biex f'kaz ta' tibdil u ghaqda ta' socjetajiet, jirregistra dak li jkun irrizultalu li ritwalment sehh sakemm ikun sodisfatt illi l-provvedimenti relattivi ta' l-Ordinanza ikunu gew imharsa. L-att ta' registrazzjoni, fih innifsu ma seta' jkollu l-ebda effett materjali fuq is-sostanza tar-registrazzjoni mitluba. Il-kompitu tar-Registratur kien biss li jassigura ruhu li jkunu gew osservati skrupolozament il-provvedimenti ta' l-artikoli 162 u 163 tal-Kap 168.

Il-konsiderazzjoni fis-sentenza appellata illi skond il-ligi r-Registratur tas-Socjetajiet seta' jemenda registrazzjoni ta' fuzjoni biss fuq ordni specifika tal-Qorti kompetenti u dana biss biex jigu salvagwardjati d-drittijiet tal-kredituri u li r-Registratur ma kellu ebda poter moghti lilu mil-ligi li jerga' jirriavviva s-socjeta' in kwistjoni fejn dan ma kienx il-kaz, ma

kenitx fil-fehma ta' din il-Qorti korretta. Dan ghaliex tqis illi l-fatt illi l-ligi espressament tipprovdi li r-Registratur seta' jemenda r-registrazzjoni fuq ordni specifika tal-Qorti biex jissalvagwardja d-drittijiet tal-kredituri, hija fiha nfisha illustrazzjoni cara illi kien possibbli illi s-socjeta' li skond l-Ewwel Qorti tkun giet bl-att ta' kancellament mir-Registru tas-Socjetajiet dikjarata mejta, tigi risuxxitata u jekk setghet tigi risuxxitata fl-interess tal-kredituri anke meta l-process ta' kancellament kien ghal kollox ritwali u validu, multo magis tista' hekk jigi ravvivata fil-kaz fejn il-process ta' kancellament kien b'gudikat dikjarat li kien irritwali u invalidu. Din il-Qorti tqis li biex ikun altrimenti, kien jehtieg li l-ligi espressament tipprovdi illi l-kancellament tar-registru kien irriversibbli hlief f'kaz fejn il-kredituri jkollhom id-dritt li jopponu ghal tibdil jew l-ghaqda fit-termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap 168. Provvediment dan li l-ligi ma tikkontemplax.

Din il-Qorti allura ma tistax tikkondividi l-konkluzjoni li waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

Finalment l-appellanti jaghmlu analogija bejn dan il-kaz u l-kaz ta' xoljiment u stralc ta' socjeta. Jargumentaw li l-kumpanija ma tkomplix tezisti hekk kif tithassar minn fuq ir-Registru tas-Socjetajiet. Huma jaghmlu riferenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet "Avukat Leslie Grech vs Registratur tas-Socjetajiet" deciza fis-9 ta' Ottubru 1979. Jidher pero' minn qari tal-ligi illi l-procedura ta' xoljiment

hija ghal kollox differenti minn dik ta' fuzjoni. B'dana kollu kif sewwa jsostni l-Professur Felice Cremona fin-noti tieghu "The Law On Commercial Partnerships in Malta", pagna 127, "On the dissolution of a commercial partnership the process of winding up is set in motion". Ikompli ighid li matul dan il-perjodu "a commercial partnership continues to have a legal personality distinct from that of its members". Jigifieri nonostante li l-kumpanija tkun giet xolta u jkun ghaddej il-process ta' l-istralc, xorta wahda s-socjeta' tibqa' tirritjeni l-personalita' distinta taghha – "la propria individualita" – indipendentement minn dik tas-socji taghha.

Finalment din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni ta' l-appellati illi l-vertenza kienet regolata biss bil-ligi specjali Maltija u mhux b'ligijiet ohra. Kien fl-isfond ta' dan il-principju bazilari illi din il-Qorti ttrattat il-kwistjoni u hekk kellhom jitqiesu u jigu mifhuma l-konsiderandi taghha ghal din is-sentenza. Dan ifisser illi r-riferenzi li saru mill-partijiet ghall-gurisprudenza u kazistika estera fosthom in partikolari dik Taljana, mhux necessarjament isibu applikazzjoni ghall-kaz taht ezami u din il-Qorti allura dehrilha illi ma kienx floku jew mehtieg illi tinoltra ruhha f'dibattitu akkademiku dwar dan l-aspett tal-kwistjoni. Ghazlet illi tillimita ruhha ghall-interpretazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-ligi applikabbli in materja u dana fl-isfond tal-principji generali ta' dritt li f'kull kaz kellhom jirregolaw l-aspetti guridici illi jemergu kemm mis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-30 ta' Novembru,

1988 kif ukoll mill-fatt taz-zewg registrazzjonijiet maghmula mir-Registratur tas-Socjetajiet konsegwenzjali ghal zewg processi ta' fuzjoni tas-socjetajiet Marsascala Development Limited u dik attrici. Naturalment il-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti f'din is-sentenza kienet limitata ghall-eccezzjoni illi s-socjeta' attrici ma kellhiex locus standi fil-gudizzju. Kuntrarjament ghal dak li ddecidiet l-Ewwel Qorti, din il-Qorti waslet ghall-konvinciment illi s-socjeta' attrici kellha dak il-locus standi in kwantu qed tirritjeni illi din kienet validament issubentrat fl-interess guridiku u jeddijiet li kellha fil-Marsascala Development Limited wara illi din giet amalgamata fl-istess socjeta' attrici skond ma jirrizulta mir-registrazzjoni ta' din it-tieni amalgamazzjoni li saret fis-6 ta' Settembru 1988. Infatti, bil-konsegwenzjali kancellament mir-Registratur tas-Socjetajiet tal-kumpanja Marsascala Development Limited mir-Registru li fir-rigward taghha din il-Qorti ma ghandhiex rizervi, kienet inevitabbli l-konkluzjoni illi s-socjeta' attrici kienet il-legittimu kontradittur tas-socjeta' konvenuta fir-rigward tal-mertu taht ezami.

Ghal dawn il-motivi, l-appell jimmerita li jigi milqugh u konsegwentement is-sentenza appellata qed tigi revokata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta' appellata. L-atti qed jigu rimessi lill-Ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni.

Dep/Reg cb